**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Lulju, 2018

Rikors Guramentat Nru : 147/17 AL

**AB**
**vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti; li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi r-rikorrent izzewget lill-konvenut fl-erba' u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002);

2. Illi minn dan iz-zwieg huwa ma twieldux ulied;

3. Illi ghalkemm mhux legalment isseparata minn ma zewgha, l-partijiet ilhom separati *de facto* ghal dawn l-ahhar tlettax-il sena;

4. Illi hija giet abbandunata minn zewgha CD madwar tlettax- il sena ilu, meta huwa halla dawn il-Gzejjer u qatt ma rritorna lura, u r-rikorrent ma ghandhiex hjiel ta' fejn dan qieghed jirrisjedi u lanqas m'ghandha kuntatt mieghu;

5. Illi sforz l-istess abbandun, il-hajja matrimonjali ma zewgha giet reza impossibli;

6. Illi m'hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni ma zewgha;

7. Illi ma hemm l-ebda assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

8. Illi r-rikorrent taf b'dawn il-fatti personalment;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut kif fuq inghad u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment u sussidjarjament minhabba abbandun da parti tal-konvenut u ghal finijiet tal-artikolu 51 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta tistabilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun ikkunsidrata li minnha huwa kien hati tal-firda;

2. Tawtorizza lir-rikorrent tghix separatament mill-konvenut;

3. Tordna l-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti u tillikwida l-istess;

4. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 u/jew 51 sa 55A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati Dr Martin Fenech u il-PL Quentin Tanti, li permezz taghha eccepew :

1. Illi l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti u jirrizerva li jirrisponi ghat-talba ulterjorment meta jkun jaf il-fatti;
2. Illi jekk ir-rikorrenti ghandha xi indirizz tar-ragel taghha ikun f'waqtu li tghaddi dan l-indirizz lill-esponenti;
3. Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xiehda tal-kuraturi deputati Dr Martin Fenech u il-PL Quentin Tanti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Awwissu, 2017;

Rat illi l-kuraturi deputati ma ressqu l-ebda provi f'din il-kawza u ghalhekk il-Qorti ser tistrieh fuq il-provi li ressqet l-attrici;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi illi l-assenti CD kien abbanduna lill-attrici ftit xhur wara li kienu izzewgu. Kien telaq mid-dar u ma irritornax lura, bla kliem u bla sliem. Hija kienet ippruvat tfittxu izda kien kollu ghalxejn u baqa qatt ma ikkuntattjaha. L-attrici xehdet ukoll li kienet tistaqsi dwar C ma xi hbieb tieghu li kienu qalulha li ma kellhom l-ebda kuntatt mieghu u li ma kienux jafu x'kien sar minnu. L-attrici xehdet illi bhala komunjoni tal-akkwisti ma hemm l-ebda proprjeta, la dar, la karozzi, la kontijiet il-bank u lanqas xi proprjeta ohra u li minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal. Hija xehdet illi minn meta C kien telaq mid-dar ma ratu qatt iktar u ma tafx x'sar minnu.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal madwar tlettax-il sena;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment. L-attrici ippruvat ukoll illi l-konvenut assenti kien abbandunaha u ghalhekk il-Qorti tara li ghandhom japplikaw kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 u/jew 51 sa 55A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda proprjeta' appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u ghaldaqstant il-Qorti tordna ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, izda ma hemm xejn x'taqsam u tillikwida peress li ma hemm l-ebda proprjeta' appartenenti lill-imsemmija komunjoni tal-akkwisti;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Il-Qorti qeghda wkoll tilqa' t-talba tal-attrici u tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 u/jew 51 sa 55A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti tordna ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tistabilixxi id-data tas-20 ta' Gunju 2004 bhala d-data ta' meta sehh l-abbandun da parti tal-konvenut u ghalhekk minn din id-data l-istess konvenut ghandu jigi ikkunsidrat li huwa kien hati tal-firda bejn il-partijiet. Il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa' t-talbiet kollha, spejjez a karigu tal-konvenut, b'dan illi l-attrici rikorrenti ghandha provizorjament thallas l-ispejjez kollha in konnessjoni mal-hatra tal-kuraturi deputati f'din il-kawza;